MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Numru 388/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata omissis giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

F’ dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta’ Gunju 2009 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data :

Kellha fil-pussess taghha id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienitx fil-pussess

ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Atti kollha inkluz l-ordni ta' L-Avukat Generali esebit a folio 2 tal-process sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2009 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv

li ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet l-akkuza fil-konfronti taghha fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputata  qed tghin lil pulizija f''investigazzjonijiet ohra.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 9, 10,11 20, 21 u 22  tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll l-Avviz Legali 292 tal-1939 tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Stante li l-imputata qed tghin lil Prosekuzzjoni f'investigazzjonijiet ohra, l-Qorti qed tordna d-divjiet tal-publikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta' telekomunikazzjoni ta' isem l-imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------